

Brussell, 4 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13110/1/21
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0114(COD)

CODEC 1356
TRANS 616
FISC 176
ENV 770

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (l-ewwel qari) -Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fil-31 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 91(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Ottubru 2017².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fl-1 ta' Frar 2018³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018⁴.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq fit-trilogi fit-30 ta' Ġunju 2021.

¹ 9672/17
² ĠU C 81, 2.3.2018, p. 188–194
³ ĠU C 176, 23.5.2018, p. 66-71
⁴ 13535/18

6. Sussegwentement, fit-12 ta' Lulju 2021, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) ikkonferma l-qbil proviżorju u fl-14 ta' Lulju l-president tiegħu bagħat ittra lill-president tal-COREPER fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 10542/21 + COR 1, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 10542/21 ADD 1 + COR 1, bħala punt "A" flaqgħa li jmiss, bis-Slovakkja tastjeni u l-Awstrija, id-Danimarka, l-Ungerija, il-Lussemburgu u n-Netherlands jivvotaw kontra.
8. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 għal din in-nota.
